**Qorti Ċivili - Prim'Awla**

**Imħallef**

**Onor. Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 10 ta' Lulju 2025**

**Kawża Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru: 978/2024 JVC**

**Anthony Griscti (KI 0712136M) u Josephine Griscti (KI 0776447M) u permezz tad-digriet datat 3 ta' April 2025, l-atti f'isem Anthony Griscti (KI0712136M) ġew trasfużi f'isem Josephine Griscti (KI 0776447M) stante li l-istess Anthony Griscti miet fil-mori**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti premettew u talbu kif isegwi:

1. 'Illi l-esponent Anthony Griscti twieled f'Malta nhar is-27 ta' Settembru 1936, liema twelid gie ufficjalment registrat permezz tac-certifikat tat-twelid numru 7121/1936 (anness bhala "Dok A");

2. Illi fl-imsemmi certifikat, il-kunjom tal-esponent jidher li erronjament gie miktub bl-ortografija "Grixti" minflok "Griscti" kif dejjem kienu konsistentament maghrufa l-antenati tal-esponent;

3. Illi l-esponent Anthony Griscti izzewweg lill-esponenti l-ohra Josephine Griscti nee' Azzopardi nhar l-10 ta' Novembru 1973, liema zwieg gie ufficjalment registrat permezz tac-certifikat taz-zwieg numru 2889/1973 (anness bhala "Dok B");

4. Illi fl-imsemmi certifikat, il-kunjom tal-esponent Anthony Griscti gie ukoll erronjament miktub bl-ortografija "Grixti" minflok "Griscti"u konsegwenza ta' dan, il-kunjom li hadet l-esponenti Josephine Grixti bhala martu wiret l-ortografija zbaljata;

5. Illi fil-hajja personali u ta' kuljum taghhom, l-esponenti huma konsistentament maghrufin b'kunjomhom jinkiteb bl-ortografija "Griscti" tant li kemm il-karta tal-identita` taghhom ("Dok C") kif ukoll passaport ("Dok D") gew

mahruga b'tali ortografija korretta mill-awtoritajiet kompetenti;

6. Illi di piu`, skont ma jirrizulta mill-annessi "Dok E" u "Dok F", l-antenati tal-esponent Anthony Griscti u cioe` missieru Vincenzo, nannuh Angelus Mauritius (Angelo) kif ukoll buznannuh Franciscus Xaverius Joseph (Francesco) kienu dejjem riferuti bil-kunjom taghhom miktub bhala "Griscti" sa mis-sena 1826;

7. Illi probabbilment, l-izball lamentat huwa rizultat ta' lapsus calami minn naha tal-ufficjal registranti meta kien qed jigi registrat it-twelid tal-esponent Anthony Griscti lura fis-sena 1936;

8. Illi gialadarba jirrizulta daqstant car li l-kunjom tal-esponenti ghandu jkun miktub bl-ortografija "Griscti" u li hekk huma maghrufin l-esponenti fil-hajja personali taghhom u fost il-familja, l-interess tal-esponenti fit-talba odjerna huwa wiehed naturali, car u manifest.

Ghaldaqstant, l-esponenti, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jitolbu bir-rispett illi wara d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazetta tal-Gvern u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna illi l-kunjom tal-esponenti ghandu jkun miktub bl-ortografija "Griscti" kif hekk huma konsistentement imsejjha fil-hajja taghhom;

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jememenda c-certifikat tat-twelid tal-esponent Anthony Griscti li jgib in-numru 7121/1936, ic-certifikat taz-zwieg tal-esponenti li jgib in-numru 2889/1973, ic-certifikat tal-mewt ta' Anthony Griscti li jgib in-numru 471/2025, kif ukoll kull certifikat, dokument jew registrazzjoni ohra verjuri relattiva ghall-esponenti biex b'hekk l-ortagrafija tal-kunjom ghandha tigi koreguta minn "Grixti" ghal "Griscti".

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

4. Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi*, skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **7121/1936** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 1)**,** jidher li 'Anthony Grixti' twieled ġewwa Malta nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 1936 lil 'Vincenzo Grixti' u 'Mary *wife of the said* Vincenzo Grixti', fiż-żwieġ. Skont il-liġi *in*

*vigore* fil-mument tar-reġistrazzjoni, r-rikorrent b'mod awtomatiku adotta kunjom missieru u cioe' 'Grixti', u dana skont kif iddikjarat minn missier ir-rikorrent 'Vincenzo Grixti' fid-dikjarazzjoni tat-twelid, u għaldaqstant ma jidher illi sar ebda żball mill-esponent Direttur tar-Registru Pubbliku meta ġie reġistrat dan l-Att tat-Twelid;

5. Illi għal kull *buon fini*, l-esponent Direttur qiegħed iġib a konjizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti l-fatt li, minkejja li r-rikorrent ġie mogħti l-isem 'Antonio' mat-twelid u ġie reġistrat taħt l-istess isem, permezz tas-sottomissjoni tal-Formula V ta' nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Lulju 2016, huwa uffiċjalment bidel ismu għal 'Anthony' u dan skont l-annotazzjonijiet imniżżla fuq l-istess Att tat-Twelid tiegħu;

6. Illi konsegwentement, ir-rikorrent reġa' ġie indikat bil-kunjom 'Grixti' fuq l-Att taż-Żwieġ tiegħu bin-numru **2389/1973** (anness u mmarkat bħala Dok. DRP 2)**,** u għalhekk il-mara tiegħu, ċioe r-rikorrenti 'Josephine Grixti' adottat dan il-kunjom ukoll wara ż-żwieġ tagħhom;

7. Illi r-rikorrenti qegħdin jisħqu illi huma minn dejjem kienu magħrufa bil-verżjoni tal-kunjom 'Griscti' u mhux 'Grixti' u għal dan il-għan ippreżentaw diversi dokumenti biex isaħħu l-pożizzjoni tagħhom. *Di piu'*, jidher li r-rikorrenti ġew indikati bil-kunjom 'Griscti' bħala l-ġenituri fuq l-Atti tat-Twelid tat-tfal tagħhom bin-numri **5799/1974** u **5300/1978** rispettivament**;**

**8.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu għat-talbiet kollha magħmulha mir-rikorrenti, salv illi din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta illi r-rikorrenti

huma u minn dejjem kienu verament magħrufa bil-kunjom 'Griscti';

**9.** Illi fir-rigward tat-tieni talba fejn ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li jsiru t-tibdiliet fuq "kull ċertifikat, dokument jew reġistrazzjoni oħra verjuri relattiva" l-esponent Direttur jirrileva illi huwa għandu s-setgħa mil-liġi li jista' jagħmel korrezzjonijiet biss fuq Atti ta' Stat Ċivili, u mhux fuq kwalunkwe dokument jew ċertifikat ieħor;

**10.** Illi di piu', sabiex l-esponent ikun jista' jaffettwa l-annotazzjonijiet neċessarji fuq Atti ta' Stat Ċivili oħra, **r-rikorrenti għandhom jispeċifikaw liema huma, kif ukoll għandu jiġi nkluż in-numru progressiv u s-sena ta kull Att konċernat**;

11. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u <u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti</u>;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 11 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat illi fil-mori ġie nieqes ir-rikorrent Anthony Griscti u l-atti ġew trasfużi f'isem ir-rikorrenti l'oħra Josephine Griscti permezz ta' digriet datat 3 ta' April 2025.

Rat ukoll illi t-tieni talba fil-mori ġiet emendata fis-sens illi ntalab ukoll li jiġi korrett iċ-ċertifikat tal-mewt ta’ Anthony Griscti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat kif ukoll id-dokumentazzjoni esebita man-nota tal-attriċi datata 15 ta’ April 2025 li wkoll tevidenzja li effettivament r-rikorrenti sa minn dejjem użaw il-kunjom miktub “Griscti” u mhux miktub “Grixti”.

Illi in vista ta’ dan kollu l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi sabiex tilqa’ l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta’ u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad ir-risposta tad-Direttur intimat sakemm din hija nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tordna illi l-kunjom tal-esponenti għandu jkun miktub bl-ortografija “Griscti” kif hekk huma u kienu konsistentement imsejħa fil-ħajja tagħhom;

3. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Moqrija.

Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri
B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.
10 ta' Lulju 2025

Cora Catania
Deputat Reġistratur
10 ta' Lulju 2025